MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**NATASHA GALEA SCIBERRAS**

Seduta ta' l-14 ta' Awwissu, 2013

Numru 769/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Edmond Cuschieri)**

**vs**

**Robert Agius**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Robert Agius ta' 29 sena, bin il-mejjet Raymond Agius u Pauline Zammit imwieled nhar id-29 ta' Ottubru 1983 gewwa l-Pieta`, residenti 'Olive Court', Block B, Triq il-Bahhara, San Pawl il-Bahar u detentur tal-karta tal-identita` numru 569383(M):-

1. Akkuzat talli nhar l-10 ta' Awwissu 2013 ghall-habta tas-sitta ta' wara nofsinhar gewwa San Pawl il-Bahar bil-

hsieb li jikkommetti delitt wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt billi ittenta li jikkaguna ferita gravi, bi strument li jaqta' jew iniggez, fuq il-persuna ta' Stephanie Attard, liema delitt ma sehhx minhabba xi haga accidentali jew indipendenti mill-volonta` tal-imputat Robert Agius u dan ai termini tal-Artikoli 41, 214, 216, 217 u 218 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi ikkaguna feriti hfief fuq il-persuna ta' Stephanie Attard, skond kif iccertifika Dr. James Saviour Borg MD mill-*Mosta Health Centre* u dan ai termini tal-Artikolu 221(1) u (2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema offiza giet ikkawzata bi strument li jaqta' jew iniggez;

3. U aktar talli fl-istess data, lok, hinijiet u cirkostanzi, hebb ghal Stephanie Attard sabiex jingurjaha, idejjaqha jew jaghmlilha l-hsara u dan bi ksur tal-Artikolu 339(d) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. U aktar talli fl-istess lok, data, hinijiet u cirkostanzi, kien fil-pussess u garr strumenti li jaqtghu u bil-ponta minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija u dan ai termini tal-Artikolu 6 tal-Kap. 480 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. U talli wkoll fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi fil-waqt li kien qieghed jaghmel reat kontra s-sigurta` tal-gvern jew kontra l-persuna kellu fuq il-persuna tieghu xi arma regolari jew munizzjon jew xi imitazzjoni ta' dawk l-

oggetti u dan ai termini tal-Artikolu 55 tal-Kap. 480 tal-Ligijiet ta’ Malta;

6. Talli wkoll fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi naqas li josserva l-kundizzjonijiet tal-liberta` provizjorja li nghataw lilu nhar is-17 ta’ Lulju 2013 mill-Magistrat Dr. A. J. Vella LL.D. u nhar it-28 ta’ Gunju 2012 mill-Magistrat Dr. M. Hayman LL.D. u ghaldaqstant din l-Onorabbli Qorti qeghda tigi gentilment mitluba sabiex f’kaz ta’ htija tapplika l-provvedimenti tal-Artikolu 579 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Il-Qorti giet ukoll gentilment mitluba sabiex tahseb ghas-sigurta` tal-vittma skond l-Artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti;

Rat illi l-Ufficjal Prosekutur irtira r-raba’ imputazzjoni migjuba kontra l-imputat;

Rat illi l-parti leza ossia Stephanie Attard ddikjarat illi kienet qeghda tahfer lill-imputat u tirrinunzja ghal azzjoni kriminali fejn din hija rinunzjabbli;

Rat illi waqt l-ezami tieghu ai termini tal-Artikoli 390(1) u 392 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-imputat wiegeb illi huwa hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta’ dik l-ammissjoni u kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga’ jikkonsidra t-twegiba u jerga’ lura minnha;

Semghet trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena u s-suggeriment taghhom lil din il-Qorti f’dan ir-rigward, kif ivverbalizzat fis-seduta tal-11 ta’ Awwissu 2013;

Rat illi l-Qorti avzat lill-partijiet illi ma kinitx qeghda tintrabat bis-suggeriment lilha moghti dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

L-imputat ammetta l-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet, pero` jghid illi huwa agixxa kif agixxa minhabba sahna tad-demm jew passjoni istantanja li minhabba fiha, fil-waqt tad-delitt ma kienx jista' jqis l-ghemil tieghu.

Dwar dan jibda biex jinghad, illi din l-iskuzanti tqajjmet mid-difiza fil-kors tat-trattazzjoni taghha dwar il-piena u ma ngabet ebda prova da parti taghha, lanqas sal-grad tal-probabbli, f'dan ir-rigward. Mill-atti, l-unici provi li ghandha l-Qorti li dwarhom tista' tislet xi forma ta' informazzjoni dwar dak li attwalment sehh waqt din il-glieda familjari, huma l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat inniffsu u c-certifikat mediku rilaxxjat minn Dr. James Saviour Borg, li ma giex ikkonfermat mill-istess tabib stante l-ammissjoni tal-imputat.

Fl-istqarrija rilaxxjata minnu, ghalkemm fil-bidu l-imputat jinnega li ntuzat xi sikkina minn naha tieghu waqt il-glieda, izjed tard jaghti l-verzjoni tieghu ta' l-akkadut – "*…l-ewwel darba ma kelliex skieken imma argumentajna bl-idejn ghax fi x'hin habtet ftaht, jien ma habtitx u mort gibt sikkina ma tghidx habbat xi hadd li ma nafux, it-tieni wahda x'hin kont ghand ommi u giet hi mort gibt sikkina biex inbezzaghha jien sa fejn naf jien ma missejtix bis-sikkina, kien hemm ommi fin-nofs jien bdejt inxejjer is-sikkina biex inbezzaghha u ma tibqax sejra biha. Jien ikolli niehu gurament li l-bieb kien maghluq imma fis-sahna ma nafx ma iniex cert, biss ghalija il-bieb kien maghluq u hi ppruvat tifthu u ommi bdiet tipprova taghlaq il-bieb.*"[1]

Il-proviso tal-Artikolu 227(c) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, applikabbli ghall-kaz ta' offiza gravi bl-Artikoli 230(b) u 232(a), jghid illi biex din l-iskuzanti tigi eccepita b'success,

[1] Pagna 2 tal-istqarrija.

trid tkun tali illi f’nies ta’ temperament ordinarju, komunement iggib l-effett li ma jkunux kapaci li jqisu l-konsegwenzi tad-delitt.

Dan ifisser illi t-test huwa wiehed oggettiv – il-bniedem ta’ temperament ordinarju - fis-sens illi wiehed irid jara jekk ir-raguni kienet tali illi f’nies ta’ “*temperament ordinarju*” komunement iggib l-effett illi ma jqisux il-konsegwenzi ta’ ghemilhom – u cioe`, f’dan il-kaz, kemm il-feriti hfief ikkagunati fuq il-persuna ta’ Stephanie Attard, kif ukoll l-feriti gravi li ttenta li jwettaq l-imputat fuq l-istess persuna. Fil-fehma tal-Qorti, l-imputat hawnhekk jehel minn dan it-test. Kif qalet l-Onorabbli Qorti Kriminali fis-sentenza taghha tad-9 ta’ Frar 2012, fl-ismijiet **Repubblika ta’ Malta vs Mariano Grixti**:

“*Alla hares naslu fl-istat illi kull min ikollu xi jghid ma xi hadd, u forsi jigi fl-idejn, u forsi tintuza gebla jew tnejn, jaqbad senter u jispara fuq dak li jkun. Nies ta’ temperament ordinarju ma jagixxux b’dan il-mod, izda jekk ikollhom xi jghidu ma’ xi hadd jirrapurtaw lil Pulizija u jhallu lil gustizzja tiehu l-kors taghha*”.

U bl-istess ragunament din il-Qorti ma tqisx li huwa agir ta’ nies b’temperament ordinarju illi ghaliex wiehed ikollu xi jghid ma’ xi hadd u forsi jigi fl-idejn u anke tintqal xi kelma zejda, jaqbad sikkina u jibda jxejjirha bl-addocc.

Ghalhekk fil-fehma ta’ din il-Qorti, l-imputat ma jistax jibbenefika minn din l-iskuzanti.

Issa fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni, il-Prosekuzzjoni iccitat kemm l-Artikolu 216 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, kif ukoll l-Artikolu 218 tal-istess Kap. L-imputat ammetta ghall-ewwel imputazzjoni kif dedotta. Biss fit-trattazzjoni taghha dwar il-piena, id-difiza ssottomettiet illi hawn wiehed qed jitkellem dwar griehi fid-driegh u mhux fl-id, u ghalhekk tiskatta l-applikazzjoni tal-Artikolu 216 u mhux tal-Artikolu 218 tal-Kap. 9.

Illi mic-certifikat mediku esebit mill-Prosekuzzjoni, jirrizulta illi l-vittma soffriet *inter alia* “*superficial lcw* [lacerated

wound] *over base of left thumb 2.5 cm + superficial lcw (3cm) over left forearm. Superficial lcw over right mid-forearm 2 cm in size + grip marks over left forearm*". Huwa indikat ukoll illi l-ebda ferita ma kienet tehtieg punti jew *sterstrips*. Ghalhekk jidher illi fil-fatt, il-griehi sofferti mill-vittma ma kinux biss fuq id-driegh taghha, izda wkoll f'idejha, la darba hija soffriet ferita taht subajgha l-kbir tax-xellug.

Illi in oltre kemm l-Artikolu 216 kif ukoll l-Artikolu 218 tal-Kap. 9, jikkontemplaw mhux biss offiza gravi li tista' ggib mankament jew sfregju f'wahda mill-idejn tal-offiz (fil-kaz tal-Artikolu 216) u offiza gravi li ggib sfregju gravi u permanenti f'wahda mill-idejn tal-offiz (fil-kaz tal-Artikolu 218), izda wkoll offiza li tista' ggib perikolu ta' debbulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-gisem (fil-kaz tal-Artikolu 216) jew attwalment tikkaguna din id-debbulizza permanenti (fil-kaz tal-Artikolu 218). Id-driegh huma naturalment parti tal-gisem u ghalhekk anke li wiehed ghall-grazzja tal-argument kellu jikkunsidra biss il-feriti fuq id-driegh, ghal fini tal-ewwel imputazzjoni, xorta wahda jirrizulta minn qari tal-Artikolu 218, illi anke ferita f'din il-parti tal-gisem tista' tkun meqjusa bhala offiza gravi kemm il-darba din tikkaguna d-debbulizza msemmija, jew inkella wkoll skond l-Artikolu 216, jekk din tkun tali li tista' ggib perikolu ta' din id-debbulizza. Naturalment hawnhekk l-imputazzjoni tinvolvi biss it-tentattiv ta' ferita gravi. Issa f'dan il-kaz, minkejja s-sottomissjoni tad-difiza kif fuq inghad, fis-sens illi l-feriti kienu fuq id-driegh, u ghalhekk tiskatta skond hu l-applikazzjoni tal-Artikolu 216 u mhux tal-Artikolu 218, apparti li kif inghad f'dan il-paragrafu stess xorta wahda din is-sottomissjoni ma tregix, l-imputat ammetta ghall-imputatazzjoni kif dedotta u ghalhekk fil-fehma tal-Qorti ghandha tigi applikata l-piena kkontemplata mill-Artikolu 218, kif ridotta bl-applikazzjoni tal-Artikolu 41(1)(a), stante li hawn si tratta ta' tentattiv.

Illi fis-seduta tal-11 ta' Awwissu 2013, il-parti leza ossia Stephanie Attard iddikjarat, bil-gurament taghha, illi hija kienet qeghda tahfer lill-imputat ghal dak li sehh u li kienet qeghda tirrinunzja ghall-azzjoni kriminali fejn din hija

rinunzjabbli, b'dan illi l-Qorti ghandha tipprovdi ghall-protezzjoni taghha permezz ta' garanzija imposta fil-konfront tal-imputat.

Illi ghalhekk in vista ta' din ir-rinunzja da parti tal-vittma, il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet imputazzjoni.

Fir-rigward tat-tieni imputazzjoni, madankollu, l-Artikolu 221(4) jghid illi huwa biss fil-kazijiet ikkontemplati fl-Artikoli 221(1) u 221(3) illi ma jittiehed ebda procediment hlief bil-kwerela tal-parti offiza (bl-eccezzjoni indikata f'dak l-istess sub-artikolu). Dan ifisser illi fil-kaz tal-Artikolu 221(2) li jikkontempla l-kaz ta' meta l-offiza ssir b'wiehed mill-mezzi msemmijin fl-Artikolu 217 – u f'dan il-kaz fil-fatt l-offiza saret bi strument li jaqta' jew iniggez – m'hemmx ghalfejn il-kwerela tal-parti offiza sabiex jittiehdu proceduri kontra l-imputat. Ai termini tal-Artikolu 545(1) tal-Kap. 9, huwa meta l-azzjoni ma tistax titmexxa hlief b'talba tal-parti privata, illi l-kwerelant jista', f'kull zmien sa ma tinghata s-sentenza, jirrinunzja ghall-kwerela li huwa jkun ghamel. F'dan il-kaz stante illi l-azzjoni hija tali li tista' titmexxa mill-pulizija *ex officio*, il-parte leza ma tistax tirrinunzja ghaliha. Ghalhekk minkejja r-rinunzja u l-mahfra tal-parti leza, it-tieni imputazzjoni tibqa' tregi fil-konfront tal-imputat.

Il-Qorti kkunsidrat madankollu illi jezisti l-konkors formali jew ideali bejn id-delitti kkontemplati fl-ewwel zewg imputazzjonijiet. Il-konkors formali jista' jsehh f'zewg cirkostanzi – wiehed minn dawn ic-cirkostanzi huwa meta l-istess fatt jikser zewg jew izjed disposizzjonijiet tal-ligi sabiex hekk jaghti lok ghal izjed minn imputazzjoni wahda. Kif jispjega l-Professur Sir Anthony J. Mamo fin-noti tieghu "*Lectures in Criminal Law*":-

"*… in order that the violations of the several provisions of law may constitute and be dealt with as one single offence, it is essential that they be the result of one single action on the part of the offender and of one and the same criminal determination. This is perfectly in conformity with general principles, for there cannot be one offence where the several violations of the law are accompanied with as*

*many criminal determinations, but only where they are the product of one single criminal determination, or in other words are accompanied with one formal element of the offence. That which therefore, prevails in determining whether the fact was one is the assessment of the intention and the purpose of the agent.*”[2]

Kif jghid il-Professur Mamo, il-ligi taghna ma ssemmix b’mod esplicitu din il-forma ta’ konkors, izda l-Qrati taghna accettaw u applikaw din id-dottrina f’diversi decizjonijiet (f’dan is-sens ara per ezempju s-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Emanuel Tabone**, deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri) fis-26 ta’ Awwissu 1998).

Il-Professur Mamo ikompli jghid hekk:

“*The practical effect of this doctrine is that the accused cannot be punished for the several violations but can only be subjected to the punishment provided for the more serious violation*”.[3]

Illi ghalhekk stante illi fuq ammissjoni tal-istess imputat, fil-waqt tat-tentattiv li jikkaguna feriti gravi fuq il-persuna ta’ Stephanie Attard, huwa fil-fatt ikkawzalha feriti ta’ natura hafifa, il-piena li ghandha tinghata permezz tad-duttrina tal-konkors formali tar-reati, hija dik tar-reat l-izjed gravi ossia ghar-reat impostat fl-ewwel imputazzjoni.

Fir-rigward tal-hames imputazzjoni ghalkemm l-imputat ammetta wkoll din l-imputazzjoni (fir-rigward ta’ liema l-partijiet ukoll qablu u ssuggerew lil din il-Qorti sabiex tapplika l-piena ta’ multa – li fil-fatt mhijiex il-piena applikabbli taht l-artikolu tal-ligi li jikkontempla r-reat f’din l-imputazzjoni, izda l-piena applikabbli taht l-artikolu tal-ligi li jikkontempla r-reat fir-raba’ imputazzjoni, liema imputazzjoni giet irtirata mill-prosekuzzjoni) madankollu, l-Qorti ma tistax issibu hati taghha u dan ghaliex ma jezistux l-elementi necessarji sabiex jissussisti r-reat

[2] Pagna 152.
[3] Pagna 153.

dedott f'din l-imputazzjoni. Fil-fatt l-Artikolu 55 tal-Kap. 480 tal-Ligijiet ta' Malta, jghid illi:

"*… kull min (a) fil-waqt li jkun qed jaghmel reat kontra s-sigurta` tal-gvern jew kontra l-persuna (minbarra omicidju involontarju jew offiza involontarja fuq il-persuna) jew ta' serq jew hsara fil-proprjeta` (minbarra hsara involontarja fil-proprjeta`) …*

*ikollu fuq il-persuna tieghu xi arma regulari jew munizzjon jew xi imitazzjoni ta' dawk l-oggetti, ikun hati ta' reat …*". (sottolinear tal-Qorti)

Issa skond l-Artikolu 2 tal-istess Kap. 480, il-frazi 'armi regulari' ghandha l-istess tifsira moghtija lilha bl-Artikolu 64 tal-Kodici Kriminali u ghandha tinkludi wkoll arma tan-nar kif imfissra f'dan l-artikolu. L-Artikolu 64(1) tal-Kap. 9, imbaghad, jghid illi "*Huma armi regulari l-armi kollha tan-nar, u l-armi, strumenti u l-ghodod l-ohra kollha li ghandhom bhala skop principali d-difiza ta' wiehed inniffsu jew l-offiza ta' haddiehor*". L-Artikolu 64(2) ikompli jghid illi "*L-armi, strumenti u ghodod ohra kollha ma jitqisux bhala armi, hlief meta fil-fatt jigu wzati ghall-offiza jew ghad-difiza, u f'dan il-kaz jissejhu armi irregulari*".

Huwa car illi f'dan il-kaz, fejn l-armi in kwistjoni kienu skieken tal-kcina, ma ntuzaw l-ebda armi regulari da parti tal-imputat, izda armi irregulari – skieken tal-kcina ma jistghux jitqiesu li ghandhom bhala skop principali, d-difiza ta' wiehed inniffsu jew l-offiza ta' haddiehor. Zgur ghalhekk illi lanqas jista' jissussisti r-reat taht l-Artikolu 55 tal-Kap. 480, meta hawn si tratta ta' armi irregulari.

Fil-fatt hawn irid jinghad ukoll illi fil-waqt illi l-prosekuzzjoni irtirat ir-raba' imputazzjoni (u dan peress illi gie sollevat mid-difiza illi s-skieken in kwistjoni kienu skieken tal-kcina), jidher illi l-prosekuzzjoni fil-fatt kellha tirtira, ghal din ir-raguni, il-hames imputazzjoni u mhux ir-raba' imputazzjoni li tikkontempla r-reat taht l-Artikolu 6 tal-Kap. 480 ossia illi hadd m'ghandu jgorr 'il barra minn xi fond jew id-dintorni tieghu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun minghajr ma jkollu licenza

jew permess minghand il-Kummissarju. Madankollu, il-verbal tas-seduta tal-11 ta’ Awwissu 2013 huwa car, fis-sens illi fil-fatt l-prosekuzzjoni kienet qeghda tirtira r-raba’ u mhux il-hames imputazzjoni.

Illi fir-rigward tas-sitt imputazzjoni, il-prosekuzzjoni ma esebietx id-digrieti relattivi dwar il-kundizzjonijiet tal-liberta` provizorja, izda l-partijiet qablu li l-ksur jirreferi ghall-kundizzjoni imposta fiz-zewg digrieti, illi l-imputat ma jikkommettix reat iehor ta’ natura volontarja. Madankollu, f’dan ir-rigward il-Qorti la ghandha hjiel tan-natura tar-reati li dwarhom l-imputat inghata l-liberta` provizorja u lanqas tal-kundizzjonijiet l-ohra ta’ dan il-helsien mill-arrest, bhal per ezempju l-ammont ta’ depozitu u/jew l-ammont ta’ garanzija personali imposti fuq l-imputat permezz taz-zewg digrieti msemmija fis-sitt imputazzjoni. Lanqas il-prosekuzzjoni ma specifikat x’qeghda tippretendi permezz tal-imputazzjoni migjuba, ossia jekk hux qed tippretendi r-revoka tal-helsien mill-arrest u l-arrest mill-gdid ta’ dik il-persuna, kif kontemplat fl-Artikolu 579(3), izda sempliciment talbet lill-Qorti sabiex tapplika l-provvedimenti tal-Artikolu 579 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta. Waqt it-trattazzjoni dwar il-piena, il-prosekuzzjoni irrimettiet ruhha ghad-decizjoni tal-Qorti dwar jekk ghandux jigi applikat ukoll l-Artikolu 579(3).

Apparti illi d-dicitura tal-Artikolu 579(3) hija fis-sens illi fl-istess procedimenti ghal reat taht is-subartikolu (2) tal-istess artikolu, il-Pulizija tkun tista’, fl-istess procedimenti, <u>titlob</u> ir-revoka tal-helsien mill-arrest u l-arrest mill-gdid ta’ dik il-persuna – li allura donnu jimplika illi dan ghandu jsir b’mod esplicitu da parti tal-prosekuzzjoni – din il-Qorti ma thossx li ghandha provi bizzejjed quddiemha, inkluz il-fedina penali tal-imputat li baqghet ma gietx esebita, sabiex tiggustifika r-revoka tal-helsien mill-arrest tal-istess imputat.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi ghal fini ta’ piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat.

Il-fedina penali tal-imputat ma gietx esebita mill-prosekuzzjoni.

Ikkunsidrat ukoll il-fatt illi l-vittma haffret lill-imputat ta’ dak li kien sehh u wkoll illi din kienet glieda bejn membri familjari, stante illi l-vittma tigi fil-fatt il-mara ta’ hu l-imputat, liema glieda jidher li bdiet f’forma ta’ glieda bejn il-vittma u l-mara tal-imputat. Fil-waqt illi l-Qorti tikkundanna bl-aktar mod deciziv u kategoriku, l-uzu ta’ vjolenza, il-fatt illi l-vittma haffret lill-imputat tal-akkadut u anke li piena ta’ habs fil-konfront tal-imputat certament illi ha tkompli taggrava s-sitwazzjoni familjari bejn il-partijiet kollha involuti, jimmilita lill-Qorti favur is-suggeriment moghti lilha kemm mid-difiza, kif ukoll mill-prosekuzzjoni, fis-sens illi l-piena ta’ prigunerija ma tkunx wahda effettiva, izda sospiza.

Il-Qorti qieset ukoll illi l-imputat stqarr illi kien lest li jintrabat b’obbligazzjoni tieghu nniffsu fil-konfront ta’ Stephanie Attard, kif ukoll illi hu l-imputat u allura r-ragel tal-istess Stephanie Attard stqarr quddiem il-Qorti illi ma kienx ihoss il-bzonn illi din l-obbligazzjoni da parti tal-imputat, issir ukoll fil-konfront tieghu.

Kif inghad izjed il’fuq, il-Qorti kkunsidrat it-tieni imputazzjoni bhala assorbita fl-ewwel imputazzjoni. Fir-rigward tas-sitt imputazzjoni, il-Qorti applikat id-disposizzjoni tal-Artikolu 17(b) tal-Kap. 9, b’dan illi ghalhekk apparti l-piena ghall-ewwel imputazzjoni (li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 41(1)(a), qed tigi ridotta b’zewg gradi), il-Qorti ziedet terz taz-zmien tal-piena ta’ prigunerija, ikkontemplata ghas-sitt imputazzjoni. In oltre stante illi l-imputat kiser zewg digrieti ta’ liberta` provizorja u in vista wkoll tan-natura serja tar-reat volontarju li huwa kkommetta, liema reat fil-fatt seta’ kellu konsegwenzi ferm izjed serji, il-Qorti qeghda timponi wkoll piena ta’ multa, kif kkontemplat fl-Artikolu 579(2) tal-Kap. 9.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 17, 28A, 31, 41, 214, 216, 217, 218, 221, 383 u 579 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 55 tal-Kap. 48 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati tal-ewwel, it-tieni u s-sitt imputazzjoni kif dedotti kontra tieghu, fil-waqt illi ma ssibux hati tal-hames imputazzjoni u tilliberah minnha u b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundannah ghal **piena ta' sentejn prigunerija sospizi ghall-erba' snin** u ghall-**multa ta' disa' mitt Euro (€900)** li ghandhom jithallsu mill-hati minnufih.

Il-Qorti **mhijiex** qeghda tordna illi l-ammonti stabbiliti fiz-zewg digrieti fil-helsien mill-arrest taht garanzija, jigu konfiskati favur il-Gvern ta' Malta u **lanqas ma hija** tordna r-revoka tal-helsien mill-arrest u l-arrest mill-gdid tal-hati.

In oltre il-Qorti qeghda ai termini tal-Artikolu 383(1) u (2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta torbot lill-hati b'obbligazzjoni tieghu nniffsu li bl-ebda mod ma jimmolesta u/jew jivvessa lil Stephanie Attard u dan taht penali ta' elfejn u tlett mitt Euro (€2,300), liema obbligu jibqa' fis-sehh ghal zmien tnax-il xahar mil-lum.

Fuq rinunzja tal-parti leza, il-Qorti qeghda tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet imputazzjoni. In oltre in vista tal-fatt illi l-prosekuzzjoni rtirat ir-raba' imputazzjoni, il-Qorti qeghda tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri anke tar-raba' imputazzjoni.

Il-Qorti spjegat lill-hati bi kliem car il-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija, waqt il-perijodu operattiv tas-sentenza sospiza.

Finalment, il-Qorti tordna illi l-atti flimkien ma' kopja tas-sentenza, jintbghatu lill-Avukat Generali fit-terminu previst mil-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------